# 43. Id-Dawra

Meta nkun nista'
u nixtieq nistrieħ ftit,
jien bil-karozza
naqbad it-toroq tal-asfalt,
u mis-Salina
jien nasal sal-Armier
u nara l-vilel ġodda...

Mulej nistħajjel
li kull tant tagħmel bħali
u t-toroq taqbad
twal ta' miljuni
ta' snin ta' dawl
ġewwa l-ispazju,
u tara l-kwiekeb ġodda
li bil-forza tal-piż
inqatgħu
mill-kwiekeb l-oħra,
u tara
lill-protoni u 'l-elettroni
flimkien jingħaqdu
u jsawru stilel ġodda
ta' univers li dejjem
jikber u jitwassa'!

29/7/1970